# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
# AVVIŻI 12 TA' JANNAR 2020

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**
Illum is-Sibt 11 ta' Jannar 2020 fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi fit-8:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-10:00pm.

**Magħmudija Komunitarja**
Illum s-Sibt 11 ta' Jannar 2020 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fis-6:30pm.

**Il-Magħmudija tal-Mulej**
Għada l-Ħadd 12 ta' Jannar 2020 hija l-festa tal-Magħmudija ta' Ġesù, li fiha niftakru wkoll fil-jum tal-Magħmudija tagħna. Aħna lkoll ġejna mgħammdin, ejjew inroddu ħajr lil Alla għal dar-rigal billi nistednukom bħala familja għall-quddiesa li fiha ser inġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija tagħna.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 14 ta' Jannar 2020 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq l-Arzell u Triq it-Tiben**.

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2020 fid-9:30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Ejjew Għandi**
Il-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2020 fil-Parroċċa tagħna fis-7.30pm ser issir il-laqgħa 'Ejjew Għandi' mmexxija minn Fr Hayden flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani. Il-laqgħa tikkonsisti fix-xandir tal-Kelma ta' Alla u Adorazzjoni Ewkaristika. Fl-aħħar isir talb għall-fejqan fuq min ikun jixtieq. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

**Kors ta' Kana**
Il-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2020 fis-Sala Sant'Anna fis-7.30pm jibda l-Kors ta' Kana għall-għarajjes.

**Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara 2020**
Bejn is-17 u l-24 ta' Jannar 2020 hija Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara. Il-Ħamis 23 ta' Jannar 2020, l-adorazzjoni ta' wara l-quddiesa tas-6.00pm ser tkun talb għall-Għaqda fost l-Insara.

**Purċissjoni bil-Bambin tradizzjonali tal-Filippini**

Il-Ħadd 19 ta' Jannar 2020 il-komunità English Speaking tal-Parroċċa tagħna qed jorganizzaw purċissjoni bil-Bambin tradizzjonali tal-Filippini li tibda fl-10:15am minn fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. Fin-12:30pm tintemm il-purċissjoni u tibda quddiesa bl-ingliż fil-Knisja Parrokkjali.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**

Il-Ħadd 26 ta' Jannar 2020 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 27 ta' Jannar 2020 wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Jannar 2020. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.